**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 51/2009**

**Saviour Azzopardi**

**vs**

**John Cachia**

**Illum, 04 ta' Awissu 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrent li jghid hekk;

Illi l-esponenti jikri l-garage li jintuza bhala 'work shop' lill-intimat u dana versu l-hlas ta' kera ta' €55.90 fis-sena. Illi l-kirja tithallas darba fis-sena.

Illi l-intimat ilu ma' jhallas kera ghal dawn l-ahhar tlitt (3) snin;

Illi l-istess intimat kiser il-kundizzjoni tal-kirja lilu koncessa peress li ssulloka minghajr il-permess tal-esponenti l-kirja

inkwistjoni lil terzi u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dana l-umli rikors;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan il-Bord li joghgbu jiddikjara li l-intimat kiser il-kundizjoni tal-kirja sabiex b'hekk jigi ordnat li l-kirja tigi tterminata u l-esponenti jiehu lura l-pussess tal-fond propjeta' tieghu bl-isem ta' 'Lucas' Sisters Street Paola u dana wara li jigi ffissat terminu sabiex l-intimat jirritorna l-pussess tal-fond imsemmi lill-esponenti.

Bl-ispejjez.

Ra wkoll ir-risposta ta' John Cachia li tghid hekk;

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi huwa ghamel dak kollu li hu possibbli biex jipprova jhallas il-kera u dana kif se jigi pprovat fil-mori tal-kawza;

3. Illi m'hu minnu xejn li l-esponenti issulloka l-kirja inkwistjoni lil terzi.

Bl-ispejjez.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tal-11 ta' Novembru 2015;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat tal-11 ta' Jannar 2016;

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitlob ir-ripreza tal-fond mertu tal-kawza ghaliex jallega li l-intimat ilu ma jhallas il-kera tlett snin u li ssulloka l-fond. L-intimat jikkontesta it-talba tar-rikorrenti bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-provi tar-rikorrenti jikkonsistu fix-xhieda tieghu.

Illi r-rikorrenti ma jgib l-ebda prova dwar l-allegazzjoni tieghu li l-kera kien ilha ma tithallas tlett snin. Minn naha tieghu l-intimat wera li hu prova jhallas il-kera u baghat ukoll ic-cekk relattiv permezz ta' ittra legali izda dan gie rifjutat u mibghut lura. Ghalhekk din il-kawzali ma gietx pruvata.

Illi fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid li meta mar fil-fond ma sabx lill-intimat izda sab lil haddiehor. Minn hemm jidher illi huwa assuma li peress li kien hemm haddiehor l-intimat kien issulloka l-fond. Ma ngabet l-ebda prova ohra dwar l-allegata sullokazzjoni. Pero' din it-terza persuna ma kien hadd ghajr iben l-intimat li jghinu fix-xoghol.

Illi l-intimat ressaq diversi provi sabiex jikkontradixxi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, kemm xhieda kif ukoll dokumenti li jikkorroboraw dak li jixhed hu stess u li jixhed ibnu.

Illi min jallega jrid jipprova. Illi l-provi mressqa mir-rikorrenti fil-kawza odjerna huma ftit wisq u ma jistghu qatt jaslu sabiex ir-rikorrenti jirnexxi fit-talba tieghu. Minn naha l-ohra l-provi mressqa mill-intimat huma konsistenti, konsiderevoli u bizzejjed biex igibu fix-xejn it-talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur